MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 680/1996/1

**A**

**vs.**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fit-29 ta’ Frar 1996 bhala Citaz. Numru 680/96/VDG a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ppartecipaw f’ cerimonja taz-zwieg fis-7 ta’ Settembru 1980 kif jirrizulata mill-anness certifikat Dok. “A”;

Illi l-kunsens tal-konvenuta hu vizzjat b'anomalija psikologika serja illi taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha;

Illi wkoll il-kunsens tal-attur kien vizzjat minhabba eskluzjoni positiva tal-indissolubilita' u l-fedelta', elementi essenzjali taz-zwieg u tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attur talab li din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti null u bla effett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano datat 14 ta' Marzu 1996 fejn l-attur gie ordnat abbazi ta' **l-artikolu 173 tal-Kap 12** sabiex jesebixxi Certifikat taz-Zwieg (mill-kbar) mill-Insinwa).

Rat in-nota tal-attur A datata 26 ta' Marzu 1996, a fol. 7. li biha l-istess attur esebixxa l-istess certifikat imsemmi fid-digriet.

Rat id-digriet ta' l-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 28 ta' Lulju 1997 li abbazi tieghu l-istess kawza giet appuntata ghall-ewwel darba ghall-20 ta' Novembru 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta B, datata 25 ta' Settembru 1997, a fol. 13, fejn eccepit bir-rispett:-

1. Illi z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta’ Settembru 1980 huwa validu;

2. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg bl-ebda mod ma kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghaliha li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, jew b’ difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-attur fil-kawza odjerna kien diga’ ppresenta kawza quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku fejn talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null u minghajr effett minhabba difett fil-kunsens tal-konvenuta ghar-ragunijiet fuq premessi, izda t-talba tieghu giet michuda kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-istadju tal-appell kif jidher mid-Dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. “RF1” u Dok. “RF2”;

4. Illi m’huwiex minnu illi l-kunsens ta’ l-attur kien ivvizzjat minhabba eskluzjoni posittiva tal-indossolubilita’ u l-fedelta’, imma kien biss snin wara z-zwieg meta bdew gejjin il-problemi li l-attur ma riedx jaqdi iktar l-obbligi tieghu bhala ragel mizzewweg;

5. B’ riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 14 u fol. 15.

Rat is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku datata 28 ta’ Frar 1994 u s-sentenza definittiva ta’ l-istess Tribunal datata 20 ta’ Dicembru 1995 kollox minn fol. 16 sa fol. 61 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 20 ta’ Novembru 1997, fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali.

Rat il-verbal datat 11 ta’ Frar 1998.

Rat in-nota tal-attur **A**, datata 13 ta' Frar 1998, a fol. 63b, li permezz taghha prezenta l-affidavit **tieghu.**

Rat in-nota tal-attur A, datata 16 ta' Marzu 1998, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta' siehbu **George Cardona Schranz**.

Rat il-verbal datat 16 ta' Gunju 1998.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono a fol. 83 sa fol. 127. datati 20 ta' Jannar 1998, 12 ta' Ottubru 1998, 12 ta' Frar 2001 fejn ma' xehed hadd, 17 ta' Frar 1998 fejn xehed l-attur, 10 ta' Marzu 1998 fejn xehed l-attur, 30 ta' Marzu 1998, 28 ta' April 1998, l-1 ta' Gunju 1998, 9 ta' Gunju 1998, 25 ta' Novembru 1998 fejn xehed l-attur, 3 ta' u 25 ta' Novembru 1998 fejn xehdet Tonia Naudi, 18 ta' Marzu 1999 u 12 ta' Ottubru 1999 u 3 ta' Novembru 1999 fejn xehdet Mary Buhagiar; tal-21 ta' Novembru 2001, 6 u 20 ta' Frar u 6 ta' Marzu 2002 u 9 ta' April 2002 fejn xehdet il-konvenuta in subizzjoni; 10 ta' Lulju 2003 fejn xehed l-attur in kontro-ezami.

Rat in-nota tal-attur A, datata 3 ta' Novembru 1998, a fol. 136, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta' **Carmen Farrugia.**

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datati 13 ta' Novembru 1998, 12 ta' April 2002, 2 ta' Lulju 1999, 20 ta' Jannar 2000, 1 ta' Gunju 2000, 4 ta' Dicembru 2000, 18 ta' Gunju 2001 u 26 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza dejjem thalliet ghar-rapport.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta datat 22 ta' April 2002, fejn din il-kawza giet differita quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta ghall-Hamis 24 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 24 ta' Ottubru 2002, fejn il-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono nfurmat lill-Qorti li l-provi attrici kienu jinsabu maghluqa. Inghata digriet affidavit

konvenut b’ terminu ta’ sittin (60) gurnata. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex wara tali terminu tiffissa 4 seduti ghall-konkluzzjoni provi tal-konvenut, wara liema seduti l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat in-nota tal-konvenuta B, datata 16 ta’ Dicembru 2002, a fol. 152, li permezz taghha prezentat l-affidavit **taghha**, ta’ **huha Vincent Mario Buhagiar** u ta’ **Rita Busuttil**.

Rat il-verbali datati 11 ta’ Dicembru 2003 u 16 ta’ Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport mill-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Mejju 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono nfurmat lill-Qorti li r-rapport kien lest u ried jigi ntaxxat u fil-fatt jirrizulta li l-istess rapport gie pprezentat fis-27 ta’ Mejju 2004.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Gunju 2004.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Gunju 2004, fejn il-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono halfet ir-rapport minnha pprezentat fis-27 ta’ Mejju 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono, minn fol. 167 sa fol. 214.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Marzu 2005, fejn il-partijiet irrimetew ruhhom ghar-rapport u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal 31 ta’ Mejju 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fis-7 ta' Settembru 1980 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*(f) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-attur issemmi l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-

zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui*

*non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,* Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** ukoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP)

1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **“Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) 1 t’Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Settembru 1980 u din il-Qorti wara li rat il-konkluzzjonijiet tal-perit legali thoss li taqbel biss ma’ l-istess konkluzzjonijiet legali fejn gie konkluz li l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat peress li kien simulat u dan peress li huwa dahal ghal dan iz-zwieg minkejja l-fatt li huwa eskluda *a priori* l-element ta’ fedelta’ lejn martu fl-istess unjoni, u dan kemm ghaliex huwa stess jammetti li verament lanqas biss kien ihobb lill-konvenuta, izda wkoll ghaliex huwa kien deciz li ma’ jkollhux l-ebda fedelta’ lejn martu u fil-fatt jammetti wkoll li huwa, dejjem abbazi ta’ dak li kienet l-intenzjoni cara tieghu li naqqas li jesprimi u jistqarr anke’ ma’ martu, kellu diversi relazzjonijiet ma’ nisa ohra. Dan gara proprio ghaliex huwa qatt ma’ ried li jimpenja ruhhu fil-hajja mizzewga ma’ martu, lanqas biss ried jinghaqad maghha u jghid li effettivament ghamel il-pass li ghamel mal-konvenuta *“minhabba omm il-mara, li kienet pjuttost aggressiva, u minhabba t-trobbija tieghi, kif ukoll il-fatt illi kollox kien lest ghat-tieg, jiena hassejt li bl-ebda mod ma’ stajt nohrog minn din is-sitwazzjoni”.*

Illi dwar il-mod kif huwa ssimula l-kunsens tieghu huwa jghid hekk:-

*“Meta jiena dhalt ghaz-zwieg kelli l-intenzjoni li ma nkunx fidil lejn il-mara. Tant huwa hekk li qabel iz-zwieg kont diga’ qed inhobb mara ohra. Tant hu hekk li fil-honeymoon kont qed incempel din il-mara l-ohra diga’ wara jumejn”.*

Illi din ix-xhieda tieghu hija kkoroboratha mix-xhieda ta' **George Cordina Shranz** u **Tonia Naudi** u din il-Qorti f'dan ir-rigward tirreferi ghal dak li inghad mill-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono f'paragrafi 229 sa 236 tar-relazzjoni peritali taghha u ovvjament taddota l-istess bhala korretti u jikkonfermaw dak li qed hawn jinghad f'din is-sentenza u cjoe' li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta'Malta.**

Illi pero' din il-Qorti ma' taqbilx mal-konkluzzjonijiet l-ohra raggunti mill-istess perit legali fl-istess rapport u in partikolarita' taqbilx mal-konkluzzjonijet taghha li l-istess konvenuta tant kien imatura li ma' kinitx kapaci tirrifletti fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga. L-istess perit legali anke abbazi tal-paragrafi 199 *et sequitur* jidher li kkonkludiet li peress li l-konvenuta sabhet xi diffikoltajiet u anke hafna diffikolta fit-trobbija ta' uliedha, dan kien ifisser li hija ma' kellhiex id-diskrezzjoni necessarja ta' gudizzju sabiex taghraf u tosserva l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi dan pero' mill-provi prodotti ma' huwa minnu xejn u l-fatt li l-istess konvenuta setghet kienet qed tbati minn *post natal depression* bid-diffikultajiet li dan kollu jgib mieghu, anke bhal f'dan il-kaz li tiddependi anke ghax-xoghol tad-dar fuq haddiehor, ma jwassal qatt ghall-vizzju ta' kunsens taz-zwieg u dan ghaliex certament il-kunsens taz-zwieg inghata qabel din il-kondizzjoni. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li jinghad fis-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku f'dan ir-rigward kemm ghal dawk li huma principji simili ghal dak li jipprovi llum l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** b'referenza ghal **Canon 1095 parafrafu 2 u 3** u kemm ghall konkluzzjonijiet dwar ghall kunsens tal-konvenuta, li gie ritenut validu fl-istess deczjonijiet u qed jigi kkonfermat bhala tali f'din id-decizjoni anke abbazi tal-provi kollha prodotti f'din il-kawza.

Illi fil-fatt jidher li dawn il-konkluzzjonijet gew kompletament injorati mill-perit legali Dr. Veronica Galea

Debono u dan ghalkemm l-istess valutazzjoni ta’ xhieda fl-istess decizjonijiet hija ben motivata, u mhux biss izda l-maggoranza ta’ l-allegazzjonijiet ta’ l-attur dwar il-vizzju tal-kunsens tal-konvenuta huma dawk medessimi bhal dawk imqajma f’din il-kawza anke fejn dawn jirreferu ghall-allegata dominanza ta’ omm il-konvenuta, allagazzjoni li ma’ hija bl-ebda mod kkonsidrata minn din il-Qorti bhala konvincenti, anzi jidher li l-konvenuta fehmet sew l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti fiz-zwieg u kompliet tosservahom u ppruvat thallaq mal-hajja anke meta kien hemm problemi ta’ sahha fuqha u inkwiet serju ma’ l-attur, l-iktar minhabba l-infedelta’ tieghu minnu fil-fatt ammessa.

Illi jigi hawn precizat li l-fatt li inqalghu problemi fiz-zwieg, problemi li rreferiet ghalihom il-perit legali, ma jistawx jaffetwaw il-kundizzjoni tal-kunsens u l-validita’ taz-zwieg – dan jista’ jsehh biss jekk il-kunsens kien vizzjat u wiehed necessarjament irid jikkonvinci lill-gudikant li meta wiehed jaghmel din it-tip ta’ allegazzjoni din qed tirreferi ghall-fatti u l-istat mentali ta’ dak li jkun qabel u l-iktar importanti meta jinghata l-kunsens; mill-provi prodotti f’din il-kawza mill-konvenuta jidher car li mhux biss hija fehmet l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg izda tant huwa minnu dan li hija ppreparat ruhha sew ghalihom u f’dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma’ dak li nghad fl-imsemmija decizjoni ta’ l-ewwel istanza f’paragrafi 31 u a fol. 19 tad-decizjoni citata u fol. 34 ta’ dan il-process. Jidher li fil-fatt l-perit legali odjerna kkonfondiet ragunijiet li jistghu jwasslu ghall-separazzjoni bejn il-partijiet jekk ovvjament ippruvati ghar-ragunijiet li jistghu jwasslu ghall-vizzju ta’ kunsens abbazi *inter alia* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.** F’dan il-kuntest il-prova attrici mhux biss ma’ hijiex konvincenti, izda bl-ebda mod ma’ giet ippruvata u l-kunsens tal-konvenuta kien kompletament validu u fit-termini tal-ligi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss fis-sens li huma nkompattibli ma’ dak

hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Settembru 1980 null u bla effett u dan *stante* li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu19 (1) (f) tal-Kap 255.**

BI-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------